


# Il-Mażunerija fi żmien il-Gran Mastru Pinto ...

## Kitba ta' Edward Montebello

Is-seklu tmintax kien wieħed li ġab ħafna taqlib fl-Ewropa. Moviment li kien qed jikber u jeħodha ma' l-istituzzjonijiet aristokratiċi fosthom il-monarkija u l-Knisja Kattolika kien dak ta' l-illuminiżmu. Id-dritt divin tal-monarkija beda jiġi mhedded u dawk li kienu illuminati riedu stat sekulari, jiġifieri separazzjoni bejn l-istat u l-Knisja. Dan il-moviment jissejjaħ illuminiżmu għax in-nies li kienu jiffurmaw parti minnu kienu rċevew id-dawl u għarfu li hemm bżonn għadd ta' riformi għall-progress. Il-mażuni kienu parti minn dan il-moviment fuq bażi komuni ta' fraternita', ugwaljanza u liberta'. Il-mażunerija tfisser għadd ta' ritwali mħaddnin f'sistema morali, bl-użu ta' diversi simboli. Trid tkun temmen f'Alla biex tkun mażun. Għal diversi snin il-Knisja Kattolika pinġiet il-mażuni bħala sħaħar li ma jemmnu f'xejn. B'kuntrast għal dak li jingħad, il-mażuni jemmnu fil-maturita', il-verita' u l-imħabba. Fil-preżent hawn żewġ ġurisdizzjonijiet dik ta' l-Ingilterra u ta' l-Orjent fi Franza.

L-ewwel egħruq tal-mażunerija f'Malta nsibuhom xi snin qabel Pinto laħaq Gran Mastru. Ir-referenza li nsibu għal attivita' 'masonica' hija tas-sena 1730. A.J. Agius, The Genesis of Freemasonry in Malta (1730-1843), pg 4 ċertu kavallier Balliju ta' Branderburg, Wolfgang Philip Guttenberg kien ta għotja ta' flus biex tinbena loġġa fl-Imsida. Niġu għall-punt, Pinto laħaq Gran Mastru fit-18 ta' Jannar 1741, tliet ijiem wara l-mewt ta' Despuig li kien Gran Mastru qablu. Joseph F. Grima, Mill-Istorja ta' _al Qormi, Vol. I, pg 114 Pinto ma kienx xi wieħed maħbub ħafna mill-Maltin, speċjalment lejn it-tmiem tiegħu, lanqas nies mill-Ordni qatt ma riedu. Kien bniedem ambizzjuż u fi żminijiet meta l-monarkija kienet qed tiffaċċja l-irvellijiet fl-Ewropa hu ried jgħix ta' sultan. Fi żmien Pinto, lejn in-nofs tas-seklu tmintax l-ideat rivoluzzjonarji u illuministi kienu deħlin. Ciappara, fil-ktieb tiegħu 'Enlightenment and Reform in Malta 1740-1798' jsaqsi, 'Għala beda' l-interess għar-riformi, f'daqsxejn ta' gżira li kienet fil-periferija ta' l-Ewropa?' Frans Ciappara, Enlightenment and Reform in Malta 1740-1798, pg 5 Kien grazzi għall-bidla fit-tmexxija fl-1741, jiġifieri meta Pinto laħaq Gran Mastru ta' l-Ordni ta' San ġwann.

Pinto qatt ma ddefenda l-mażunerija, fi żmienu l-mażuni ġew attakkati b'kull mod. Ftit wara li sar Gran Mastru keċċa sitt kavallieri li kienu mażuni. Fl-1751 il-Papa Benedittu XIV ħareġ editt kontra t-tixrid tal-mażunerija. Pinto kien ħabib kbir ta' dan l-istess Papa u għalhekk appoġġjah b'kull mezz. Il-fatt li dan l-editt ġie maħruġ f'Malta juri biċ-ċar li l-mażunerija kienet preżenti. Pinto kien ħareġ numru ta' ordnijiet u kastigi għal dawk li jinqabdu mdeffsin fiċ-ċirku tal-mażuni. Minkejja l-attakki u l-persukuzzjonijiet, il-mażunerija baqgħet attiva u eżistenti.

**Il- 'Processo Lante'**

Dan il-proċess infetaħ taħt l-inkwiżitur Antonio Lante u għalhekk ħa l-isem ta' kunjomu. Iż-żmien diskuss f'dan il-proċess kien l-istess żmien li Pinto mexxa 'l Malta. Jissemew diversi nobbli Maltin, kavallieri u Gran Mastri futuri. Ismijiet bħal Prinċep Camille De Rohan de Polduc (in-neputi tal-Gran Mastru De Rohan), De Rohan stess (li kien Gran Mastru bejn 1775 u 1797), Maurin, Debufferant, De Crusyol, Guasconi, il-Konti Agostino Formosa De Fremeaux, Giovanni




Francesco Dorell, Diego Muscati u Contino Fournier. A.J. Agius, The Genesis of Freemasonry in Malta (1730-1843), pg 7-8 Għalkemm kien proċess jaħraq u twil, l-istampa baqgħet statika u essenzjalment ma sar xejn kontra l-akkużati. Peress li Pinto attakka il-mażunerija bil-qawwa kollha, il-mażuni fi żmienu kienu jbiddlu l-loġoġ ta' fejn jiltaqgħu l-ħin kollu. Dan ifisser li ma kinux jiltaqgħu dejjem fl-istess postijiet biex jassiguraw ruħhom. ġeneralment kienu jiltaqgħu fid-djar tagħhom stess. Il-mażuni ta' dak iż-żmien kienu aktarx nobbli influwenzati mill-kavallieri, l-aktar Franċiżi. żgur ma kellhomx problemi biex isibu xi residenza la kellhom diversi djar tagħhom. Il-postijiet li ntużaw mill-mażuni fi żmien Pinto jissemew f'diversi referenzi. Montalto fil-ktieb 'The Nobles of Malta 1530-1800' isemmi mhux biss il-postijiet imma anke għala ntużaw u f'liema laqgħat. Tissema' loġġa fl-Imsida, oħra f'Casal Paola, dar fil-Belt Valleta u anke ċerimonja oħra li saret f'ħaż-żabbar. Ibid, pg 11 – John Montalto, The Nobles of Malta 1530-1800, pg 341, 344 Dak iż-żmien biex issir mażun kienet tiswik ikla, dan nafuh grazzi għal dak li ġie rrapurtat waqt il-Processo Lante. Filfatt meta De Fremeaux kien se jsir mażun saqsa lil Jean Belgeret li kien qed jassistih u jtih tagħrif dwar il-mażunerija kemm tiġik beix tkun mażun. Huwa wieġbu li jkollu jħallas ikla, "costera' solo un pranzo". John Montalto, The Nobles of Malta 1530-1800, pg 340

**Cagliostro u Pinto**
Cagliostro kien ħabib kbir ta' Pinto, jingħad li l-Konti Cagliostro kien it-tifel illeġittimu tal-Gran Mastru Pinto. Ovvjament xejn m'huwa pruvat u f'kitba ta' natura storika ma tistax titfa' l-affarijiet bl-amment mingħajr ma jinstabu referenzi ppruvati b'evidenza. Cagliostro kien mażun, għalkemm ma nafux jekk attendiex xi laqgħat mażoniċi f'Malta. Għalkemm Pinto impona diversi kastigi u attakka l-mażunerija bl-aktar mod aħrax, dan il-konflitt ta' interess fil-każ ta' Cagliostro seta' għen aktar fit-tixrid tal-mażunerija f'Malta. Dan isostnih Agius fil-ktieb tiegħu 'The Genesis of Freemasonry in Malta 1730-1843'.

Il-mażunerija fi żmien Pinto sofriet minn għadd ta' attakki imma madankollu xorta baqgħet topera u influwenti man-nobbli u għadd ta' kavallieri speċjalment Franċiżi. Il-mażunerija kompliet tikber għalkemm dan kien il-bidu u f'dan il-perjodu qasir li tkellimna ma kinitx daqstant organizzata. Dan anke minħabba l-attakki ta' Pinto, l-Inkwiżizzjoni u l-Knisja Kattolika f'Malta. L-istorja turina li Pinto falla milli jeqred il-mażuni f'Malta, tant u hekk li fi żmienu kien hemm loġġa bl-isem ta' 'Parfait Harmonie'. Pinto miet fl-1771 u fl-1788 saret petizzjoni biex tiġi iffurmata loġġa. Kien hemm diversi li ffirmaw fosthom De Fremeaux li kien għadda mill-Processo Lante u anki n-nobbli Stagno li kien joqgħod f'Palazzo Stagno f'ħal-Qormi.



*Il-petizzjoni ffimata minn għadd ta' kavaliieri u nobbli biex tiġi mwaqqfa loġġa fl-1788. Immarkati f'ċirku insibu l-ismijiet ta' Formosa de Fremeaux u Stagno.*

**Ringrazzjamenti**
Bħal kull sena nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li jaħdmu għall-għaqda fil-festa. Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.




**Referenzi**
**Artikli:**

- Bro. John Webb, The order of St. John and its relationship to Freemasonry, Ars Quatuor Coronatorum Volume 91, (London 1979)
- Bro. Desmond Caywood, Freemasonry and the Knights of Malta. A Post-Preface?, Ars Quatuor Coronatorum Volume 91, (London 1979)

**Kotba:**

- Ed. A.J. Agius, History of Freemasonry in Malta 1730-1998, (Malta 1998)
- A.J. Agius, The Genesis of Freemasonry in Malta (1730-1843), (Malta 1993)
- John Montalto, The Nobles of Malta 1530-1800, (Malta 1979)
- Frans Ciappara, Enlightenment and Reform in Malta 1740-1798, (Malta 2006)
- UlrichIm Hof, The Enlightenment, (USA 1994)
- Jasper Rid, The Freemasons, (London 2005)
- Bro. A.M. Broadley, The History of Freemasonry in the District of Malta, (London 1880)
- Joseph F. Grima, Mill-Istorja ta' hal Qormi, Vol. I, (Malta 2001)



GAUDA

RABAT
66, Main Street

QORMI
143, Victory Street

For Best Shoes & Quality
We also accept repairs
Tel: 2745 4593

Joe Mangion Butcher

*for fresh & frozen meat*
*St. Sebastian Street, Qormi*
*Tel: 2149 1509*

Joe Cassar Florist

**Ta' Ruman**
*Tkabbir u Arrangamenti*
*għal kull xogħol*
*ta' fjuri friski*
Mis-7.00am sal-5.00pm
No.93 Ta' Ruman Garage,
Winter Street, Qormi
Tel. 2148 7247
Mob. 9947 6566